# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2746

Kaz Nru 3757/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Dr Christina Calleja bħala

mandatarja speċjali ta'

Federica Santucci

u

Casa Holding Limited (C-69275)

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 14 ta' Lulju 2021

**Chairman: Is-sur Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul fis-7 ta' Mejju 2019 mill-Avv Christina Calleja bħala mandatarja speċjali ta' Federica Santucci fejn ntqal illi din ġiet illegalment liċenzjata minn mas-Soċjetà Intimata allegatament għal raġuni tajba u suffiċjenti. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Carlo Maria Sagromoso, assistit mill-Avv. Andrew Grima, tiċħad dan. Inżammu seba'(7) seduti.

A tenur tal artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' waqfien kawża tal-pandemija kif ukoll in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti kienet impjegata mas-Soċjetà Intimata permezz ta' kuntratt indefinit datat l-1 ta' Lulju 2015 bħala *Relationship Manager* (Dok. FS1). Fl-istess żmien ir-Rikorrenti kienet f'relazzjoni sentimentali ma' Carlo Maria Sagramoso, Direttur tas-Soċjetà Intimata. Dawn iż-żewġ relazzjonijiet, dik lavorattiva u l-oħra sentimentali, jidhru li kienu qed jimxu kontemporanjament u fuq linji paralleli. Fil-15 ta' Jannar 2019 ir-Rikorrenti ġiet liċenzjata allegatament għal *non-performance* (Dok. FS2).

## 3. Konsiderazzjonijiet

Li ried jiddetermina t-Tribunal kien prinċipalment jekk kienx jeżiżti kuntratt lavorattiv bejn iż-żewġ partijiet peress li ntqal waqt is-smiegħ li l- kuntratt kien *sham employment* (Trattazzjoni finali ta' Dr Grima 26.5.21 paġna 3) u li r-Rikorrenti qatt ma wettqet xogħol. Jallega ukoll Dr Grima li l-ħlas tal-paga kien sempliċement biex imantni lil Federica Santucci. Mill-banda l-oħra r-Rikorrenti tgħid illi meta impjegatha s-Soċjetà Intimata hija kienet telqet minn poziżżjoni fissa li kellha dak iż-żmien. It-Tribunal huwa tal-fehma li kuntratt lavorattiv kien jeżiżti u għad li r-relazzjonijiet paralleli li saret referenza għalihom qabel setgħu f'ħin jew ieħor jirriżultaw f'paralleli konverġenti ma jfissirx li l-kuntratt lavorattiv b'xi mod ġie annullat. Naturalment il-kriżi inħolqot meta bl-ittra ta' tkeċċija ġa ċitata il-kuntratt ġie formalment terminat. Irid isir enfasi fuq il-formalità tat-terminazzjoni għaliex f'Marzu tal-2018 Carlo Maria Sagramoso waqqaf ir-relazzjoni sentimentali li kellu mar-Rikorrenti permezz ta' email ta' ħames linji (Seduta 9.10.19 fol 6) u anke taha n-*notice* (Seduta 29.1.20 fol.11) konsegwentement ir-Rikorrenti baqgħet b'xi mod taħdem għad li Sagramoso ibblokkalha l-emails u t-telefon ċellulari (paġna 7 ta' l-istess seduta). Xi żmien wara reġa beda jikkomunika magħha b'mod video (paġna 7 l-istess seduta). It-Tribunal jasal għal konklużjoni li kuntratt lavorattiv ċertament kien hemm. Li ried imbagħad jeżamina t-Tribunal kienx hemm raġuni ġusta u suffiċjenti għat-terminazzjoni tal-impieg. Waqt li r-Rikorrenti tiċħad li b'xi mod naqset mid-doveri tagħha hemm ix-xhieda ċara ta' Carlo Maria Sagramoso fejn jispjega b'mod konvinċenti. Jgħid testwalment "*Well the mistake has been **to employ her with the company** and the mistake has been to give her that letter saying that **she was not performing**, because in fact, she never, never did anything for the company"* (Seduta 29.1.20 fol.13) (enfasi tat-Tribunal).

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrenti Federica Santucci minn mas-Soċjetà Intimata Casa Holdings Limited saret b'mod illegali peress li ma kienx hemm raġuni ġusta u suffiċjenti għat-tkeċċija kif titlob il-Ligi.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali wara li qies l-Artikolu 81(2) tal-Kap 452, ikkonsidra li r-Rikorrenti kienet ingħatat in-*notice* xhur twal qabel il-liċenzjament tagħha u baqgħet titħallas xorta matulhom mingħajr ma effettivament kienet taħdem, Casa Holding Ltd jillikwida l-kumpens dovut mis-Soċjetà Intimata lir-Rikorrenti Federica Santucci fl-ammont ta' €6,000 (sitt elef Euro) li għandhom jitħallsu immedjatament.

**6. Drittijiet**

A Tenur tal A.L. 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro (€93) kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja